MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 871/2004

**Untours Insurance Agents Limited (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Emmanuel Agius u l-istess Emmanuel Agius (ID480650)**

**Vs**

**Anthony Mifsud**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm565.96c (hames mija u hamsa u sittin lira Maltin u sitta u disghin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident, u dana stante illi d-danni sofferti mill-atturi

huma rizultat ta’ habta precedenti li sehhet bejn il-vettura BBO 087 misjuqa mill-attur u l-vettura KBD 527 misjuqa minn David Saliba. Jghid li l-incident imsemmi kien jikkonsisti f’erba’ habtiet separati u konsekuttivi (“pile-up”) bejn hames vetturi differenti.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Emmanuel Agius qal:

“Kont qieghed wieqaf fit-traffic u rajt il-karozza ta’ warajja kienet kwazi waqfet u f’daqqa wahda hassejt daqqa fuq wara tal-karozza tieghi.”

David Saliba qal:

“Kont niezel minn Sir Paul Boffa u kont qieghed nieqaf habba t-traffic u f’daqqa wahda hassejt daqqa minn wara u tefani fuq ta’ quddiemi.”

Il-konvenut qal:

“Kont niezel minn Vjal Sir Paul Boffa u hbatt mal-karozza ta’ quddiemi u ta’ warajja baqa’ diehel fija.”

Ra l-*Front to Rear Forms*.

Ra x-xhieda ta’ PS 1257 Conrad Ellul fejn jikkonferma li kien hemm hames karozzi nvoluti f’dan l-incident. Jghid illi pinga tlett karozzi biss fuq l-iskizz ghaliex l-ahhar zewg karozzi mlew il-*Front to Rear Form*. Jikkonferma wkoll illi kien hemm daqqa bejn ir-raba’ karozza u t-tielet karozza.

Ra x-xhieda ta’ Emmanuel Agius fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Jghid illi meta hareg mill-karozza kien hemm diga’ erba’ karozzi mahbutin.

Ra x-xhieda ta’ Anthony Mifsud fejn jghid illi dakinhar ta’ l-incident ra l-karozzi KBD 527 u BBO 087 wieqfin quddiemu ghaliex kienu diga’ mahbutin. Jghid illi zamm il-*brake* izda baqa’ sejjer fil-vettura ta’ quddiemu KBD 527, imbaghad giet vettura ohra minn warajh u dahlet fih.

Jikkonferma li l-ewwel habat gol-vettura KBD 527 u b’rizultat tal-habta minn warajh spicca mbotta l-karozza ta’ quddiemu KBD 527.

Meta xehed il-konvenut hu qal li l-vetturi KBD 527 u BBO O87 kienu mahbutin qabel ma hu habat fil-vettura KBD 527.

Meta xehed l-attur qal:

“Rajt vann gej imbaghad f’daqqa hassejt daqqa fuq wara. Jiena hrigt u ghidtlu “x’ghamiltli, ghadni nohrogha karozza”. Hu qalli “mbaghad hemm ta’ l-insurance mbaghad naraw kif nirrangaw.”

L-attur ma qalx li ra l-vettura ta’ warajh u ra li l-konvenut imbotta din il-vettura fuqu. L-atturi naqsu milli jgibu lil David Saliba biex jixhed. Ghalhekk it-Tribunal mhux konvint li l-konvenut kien unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi. Min-naha l-ohra meta tkellem mal-pulizija ezatt wara l-incident il-konvenut ma qalx li z-zewg vetturi ta’ quddiemu kienu diga’ mahbutin. Illi minkejja dan, it-Tribunal jikkonkludi li l-atturi ma gabux bizzejjed provi konvincenti sabiex jigi konkluz li d-danni sofferti minnhom gew ikkagunati kollha mill-konvenut.

Illi fic-cirkostanzi billi dan it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-konvenut tefa’ l-karozza ta’ Saliba fuq il-karozza ta’ l-attur, jichad it-talbiet ta’ l-atturi bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------